# Tifsir il-Kliem fil-Kotba Imqaddsa bil-Malti

*(Jorbat mal-għadd 194-196, faċċ. 21-23)*

*Behen*, pl. *ibħna*: Vassalli jiktibha *behem*, Caruana *behen*, Falzon jagħti ż-żewġ formi *behem* u *behen*. Skond l-Għarbi *behem* hi aħjar, u hekk hi miktuba fil-Pentatewku. Tfisser: "is-saba' l-kbir ta' l-id jew tar-riġel". Ara Imħ. 1, 6, 7.

*Daqq il-qamħ*: "ħabbat iż-żbul biex joħroġ il-qamħ". Fl-istess sens ingħidu: daqq it-tajjar. Ara Imħ. 6, 11; Rut 2, 17.

*Faqqanin u saflenin*: "ta' fuq u ta' isfel". *Faqqani*, li hi tibdila ta' *fawqani*, hu aġġettiv maħruġ minn *fuq* u jfisser "imqiegħed 'il fuq jew aktar 'il fuq minn ħaġa oħra". *Saflieni* hu aġġettiv ieħor maħruġ minn *isfel* u jfisser "imqiegħed in-naħa ta' isfel jew aktar 'l isfel minn ħaġa oħra". Iż-żewġ aġġettivi huma ismijiet ta' postijiet: Il-Faqqanija u Ħal Saflieni.

*Flien*: nużawha meta ma rridux insemmu persuna b'isimha, jew meta ma nafux isimha, bħal meta ngħidu: *it-tali*. F'Rut 4, 1 il-kelmiet: "Ersaq u oqgħod, flien" ifissru: Fejnu! ersaq u oqgħod.

*Fqad*: kelma mogħtija minn Caruana biss li jagħtiha dit-tifsira: "wieħed li dari kien idur u jżur jew *jiftaqad* it-torrijiet, il-furtizzi u l-għases ta' madwar ix-xatt ta' Malta". F'Imħ. 9, 28 hi użata fis-sens ġenerali ta' *uffiċjal*, wieħed li jikkmanda imma taħt is-setgħa ta' ieħor aqwa minnu.

*Deħen*, *jidħen*: ifisser "dilek", "*to anoint*" u ma għandux x'jaqsam man-nom *deħen* "intelliġenza", li fil-Għarbi tinkiteb b'*d* li għandha l-ħoss ta' *th* fil-kelma Ingliża *the*. Ara 9, 8. 15.

*Ħarb*: "gwerra", ara 5, 8. Mogħtija minn Caruana biss. Ma għandhiex x'taqsam ma' *ħerba* "rovini". Caruana jagħżel iż-żewġ kelmiet minn xulxin.

*Ħarq*: "ferqa jew xaqq wiesa' fl-art jew fil-blat"; mhix ġejja mill-verb *ħaraq* "to burn". Sansun darba qagħad "fil-ħarq tal-blat" (Imħ. 15, 8), jiġifieri mar jistkenn ġo xaqq fil-blat biex ma jaqbduhx l-għedewwa.

*Ħawli*: l-aktar li tingħad dil-kelma għar-raba' li ma jagħmelx. Minn dit-tifsira tnisslet oħra: annimal li ma jagħmelx frieħ, u, b'tiġbida żgħira: raġel jew mara li ma għandhomx u

qatt ma kellhom ulied. Qabbel l-Ingliż *barren* u t-Taljan *infecondo*, *sterile* li jingħadu sewwa għar-raba' u s-siġar, kemm ukoll għall-bhejjem u n-nies.

*Ħmiet* : kelma qadima mogħtija minn Vassalli u Caruana. *Ham* hu missier ir-raġel jew missier il-mara, "father-in-law"; u *ħamâ* hi omm ir-raġel jew omm il-mara, "mother-in-law". Il-forma femminili bis-suffissi hi *ħamâti* li fil-Malti ssir *ħmâti*, imbagħad *ħmieti*. Mela f'Rut 1, 14 għandna nifhmu li Għorfa bieset lil omm żewġha; u f'2, 11. 18 Nogħemi hi ħmiet Rut, jiġifieri omm ir-raġel ta' Rut.

*Iħkma* : plural ta' *ħakem*; il-lum aktar timxi l-forma *ħakkiema*.

*Kenna* : hi mart l-iben, "daughter-in-law". Għorfa u Rut kienu *kenniet* Nogħemi għax kienu żżewġu lil uliedha; Rut, 1, 6. 7. 8. 22. Qawl Malti jgħid : Kieku l-imdanna (omm ir-raġel) tħobb il-kenna, l-infern kien isir ġenna.

*Leħħ għal* : "qal u reġa' qal, għamel u reġa' għamel, issikka, insista". *La tleħħax għalija* f'Rut 1, 16 ifisser : "La tgħidlix aktar, tissikkanix". Mela meta ngħidu : "ileħħ il-beraq" nifhmu biss li qiegħed iberraq waħda f'waħda; u l-qawl : "il-lħiħ jagħleb ix-xħiħ" ifisser li meta wieħed jitlob u jerġa' jitlob sa fl-aħħar jaqla' dak li jrid imqar minn għand wieħed xħiħ li jiddejjaq u jħoss ruħu mirbuħ minn dik il-fittaġni. It-tifsira li jagħti Caruana "Splendere repentinamente e sparire, corruscare, balenare" mhix ewlenija.

*Lemini* : aġġettiv maskil li l-femmenil tiegħu hu *leminija*; Imħ. 3, 16. 21.

*Magħsar* : ħawd jew ħofra fil-blat li fiha kienu jagħsru ż-żejt; Imħ. 6, 11; 7 ,25.

*Mirquma* : il-verb *raqam* aktarx nużawh fis-sens "għamel xi ħaġa, xi xogħol bir-reqqa, kif imiss; sebbaħ, żejjen," imma jfisser ukoll "irrakkma" u b'din it-tifsira hu użat f'Imħ. 5, 30.

*Mitraq* : nom mimmat maskil li l-femmenil tiegħu hu *mterqa* li kuiħadd jaf xinhi. Mela *mitraq* hu martell kbir, mazza; ara Imħ. 4, 21.

*Għamuda* : tinda. Imħ. 24, 40. Dil-kelma fissirtha fit-*Tifsir ta' Kliem* li ħriġt fi ktieb żgħir fl-1931.

*Għarma* jew *għorma*, plur. *għaram* : gods kbir aktarx ta' tiben jew qamħ maħsud lest għad-dris; ara Imħ. 15, 5; Rut 3, 7.

*Għatla* : ħatar żgħir li jinqdew bih il-bdiewa huma u jaħartu biex iniggżu l-baqar; ara Imħ. 3, 31.

*Qartaf* : "qata' l-frott mis-siġar, aktarx kif ġie ġie"; ara 9, 27.

*Qasgħa* : "platt kbir u fond li jesa' ikel għal aktar minn wieħed"; ara 5, 25; 6, 38. It-tifsira li jagħti Caruana "kavetta tal-ħut" mhix eżatta għal kollox. Falzon ma jġibhiex, għalkemm Vassalli jagħtiha. Qasha huwa wkoll kunjom Malti li jinkiteb *Casha*.

*Ruħ* : dil-kelma fil-Malti hi femmenili, iżda nistgħu nużawha bħala nom maskili bit-tifsira ta' "spirtu", bħalma ngħidu "Ruħ il-qodos" li hu l-Ispirtu s-Santu, fejn il-kelma Ruħ hi maskili. Din il-għażla ta' ġeneri u tifsir tinsab ukoll fil-Għarbi. B'dan is-sens ta' "spirtu", il-kelma "ruħ" bħala nom maskil hi użata bosta drabi fil-ktieb ta' l-Imħallfin u f'kotba oħra. Ara 3, 10 *Ġie fuqu ruħ il-Mulej*, jiġifieri kien mimli bi spirtu, b'qawwa kbira ġejja minn għand Alla.

*Silf* plur. *slejjef* : "slejjef" ngħidulhom żewġ irġel li n-nisa tagħhom aħwa; u "silfi" jgħid raġel għar-raġel ta' oħt martu. Jekk żewġ nisa li r-rġiel tagħhom aħwa jgħidulhomx "slejjef", u jekk mara tgħidilhiex "silfti" lill-mara ta' ħu żewġha ma nafx, imma billi kelli bżonn il-femmenil ta' "silf" ħriġt il-kelma "silfa". Rut u Għorfa kienu "slejjef" għax żwieġhom kienu aħwa; Rut 1, 15.

*Teraħ* : ara *Leħen il-Malti*, Għadd 194-196, faċċ. 23.

*Watar*, plur. *utar* : "korda", bl-Ingliż "catgut". Ingħiduha l-aktar għall-ħabel jew korda tal-qaws tad-daqqaq tat-tajjar. F'16, 7 hi użata fis-sens ta' ħabel magħmul mill-imsaren ta' l-annimali.

*Wited* : "biċċa għuda twila xi xiber li titwaħħal ma' l-art jew mal-ħajt biex torbot jew iddendel xi ħaġa magħha"; ara 5, 26; 16, 13.

*Xaħat* : "għamel ħsara; ħarbat"; din hi t-tifsira li jagħti Caruana, u f'dan is-sens hi użata f'6, 4. 5.

*Xehbien* : ngħidu wkoll ixheb li hu "lewn griż"; 5, 10.

*Żibda* : "butir; baqta"; 5, 25.

P. P. Saydon.

---